Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,143, 1 ta' Marzu, 2019

Taqsima B

A.L. 38 tal-2019

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tal-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għat-Trasport, Infrastuttura u Proġetti Kapitali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur, u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija Perikoluża bil-Vetturi bil-Mutur, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 65.22.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2018/1846 tat-23 ta' Novembru 2018 li temenda d-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi, permezz tal-adattament tat-Taqsima I.1 tal-Anness I tagħha mal-progress xjentifiku u tekniku.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-tifsira "l-Anness A u l-Anness B mal-ADR" tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "mit-3 ta' Jannar 2018" għandhom jiġu sostitwit bil-kliem "mill-1 ta' Jannar 2019".